MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 995/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**VS**

**Anthony Roberts, iben Paul u Carmen nee' Bianchi, imwieled Tal Pieta' nhar l-24 ta' Gunju, 1984, residenti fil-fond numru 2, Triq il-Habs l-Antik, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita' numru 350184M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Roberts li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta' Ottubru, 2005, fi Blokk 2, Numru 4, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, ghall-habta tas-1.30pm, bil-hsieb illi jaghmel delitt, cioe' serq aggravat bil-lok, bil-vjolenza, mezz, u valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00),

wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giuseppa Debono ID 311029M, ta' 76 sena, skont ma ccertifika Dr Chris Spiteri mill-Isptar San Luqa;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq il-bieb ta' barra ta' residenza Blokk 3, Nru 4, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, liema hsara hija ta' inqas minn Lm50.00 izda izjed minn Lm10.00 ghad-dannu ta' Giuseppa Debono ID 611029M.

Rat illi l-akkuzat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, cioe':
a. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(e), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 274(c), 276A, 277, 278, 279, 280, u 281 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 214, 221(1), 222A(1) tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi moqrija l-istess, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Alfred Mallia, li nvestiga dan l-attentat ta' serq ghad-dannu ta' certu anzjana Giuseppa Debono. Din skondtu, kif xehdet hi, gharfet l-aggressur taghha – li anke dahlilha fid-dar, u identifikatu bhala wiehed ta' Pawlu, ta' Bianchi. Waslu ghalhekk ghall-imputat. Arrestat dan, irrilaxsa stqarrija, minghajr id-dritt ta' assistenza legali. Fiha in succint innega l-involviment tieghu.

PS 440 Kenneth Vella Gregory qal illi l-ghassa rcevew telefonata anonima li kien hemm persuna tisraq mid-dar ta' Debono. Meta marru fuq il-post, wahda mara qaltilhom li kienu dahlu fuq xiha. Kellmu ghalhekk lil Giuseppa

Debono – id-derubata, li qaltlu li sabet il-bieb sgassat u meta dahlet go darha, sabet ragel ma’ wiccha li mbuttaha u harab ‘il barra. Identifikatu bhala Anthony Roberts – it-tifel ta’ Pawlu li kien joqghod hdejn l-Iskola tal-Isla. Prezenta wkoll il-PIRS report, Dok VG, folio 22. Fl-istess insibu li a tempo vergine kienet gia’ identifikatu lil dan Roberts Anthony (folio 23), kif ukoll illi kienu n-nies li qalulha lil din Giuseppa li kienu dahlulha.

Minn naha taghha, Giuseppa Debono xehdet illi wahda mara minn hdejha, li l-ewwel tidentifika bhala Lela u aktar tard Wela, qaltilha li kien dahlilha ragel go darha. Ghalhekk hi marret lejn darha, kienet qabel fuq iz-zuntier. Meta waslet f’darha, minn hemm hareg jigri ragel, qalibha, xehitha mal-art, u telaq jigri. Sabet il-kexxun tal-gradenza mqalleb. Aktar tard irrealizzat illi ma kien insterqilha xejn.

Mistoqsija jekk gharfitux, wiegbet iva, li kien ta’ Bianchi, identifikatu bhala l-imputat.

Ziedet illi filghodu zaghzugh kien talabha l-flus ghax kellu wgiegh kbir u ried jixtri l-pilloli. Wegbitu li lanqas ghaliha ma kellha flus. Dak li talabha l-flus ghaliha kien ta’ Bianchi li minghaliha kien jismu Anthony.

Manuela Gaffarena, girien ta’ din Giuseppa Debono, innegat illi kienet hi li avzat lil Debono li kienu dahlulha. Anzi xehdet illi lilha Guza ma kinitx tkellimha ghalxejn b’xejn.
Meta pero sar konfront fuq dan bejniethom, ghalkemm din Manuela baqghet tinsisti li ma kienet rat xejn, pero ammettiet li rat biss lil Guza tigri. Dwar l-imputat, qalet illi kienet tarah ghaddej, minn x’imkien, mit-triq tal-Isla.
Fil-konfront pero, Debono baqghet tinsisti li fil-fatt kienet din Manuela li kienet avzata bl-invazjoni go darha, mentri Manuela baqghet neganti li kienet rat xi haga.

Ghat-tul ta’ zmien li hadet din il-kawza, dawk huma l-provi **biss** li gew migjuba!! Il-Prosekuzzjoni kaxkret mhux ftit saqajha biex ressqet dawn it-tliet xhieda, u d-Difiza - li nbidlet hafna drabi in kwantu ghall-konsulent legali, qatt ma ressqet provi.

Kif qalet il-Qorti, l-imputat innega l-involvivment tieghu fl-istqarrija. Mill-fedina penali prezentata, irrizulta li l-imputat ma kinx gdid ghar-reat ta' serq, nonostante li kellu eta' zghira – wiehed u ghoxrin (21) sena.

Illi anke jekk l-imputat kien neganti tal-involviment tieghu, Debono kienet certa mill-identifikazzjoni taghha tieghu, u li anke qabel l-incident in dezamina kien talabha l-flus. Manwela Gaffarena, ghalkemm innegat dak li kienet qalet lil Debono u dehret fic-car illi ma riditx ikollha x'taqsam, ikkonfermat illi hi rat ragel jigri u li kienet tara lill-imputat ghaddej mit-triq. Senjalament a tempo vergine, meta Debono kellmet lis-Surgent kif gia' premess, identifikat lill-aggressur bhala ta' Bianchi li ghaliha kien l-imputat.

Illi xejn ex lege ma jzomm lill-Qorti milli toqghod fuq xhieda ta' persuna wahda, u l-Qorti thoss illi Debono kienet kredibbli u li ghandha tigi emmnuta.

Tinnota pero l-Qorti, illi l-ebda prova ma ngabet dwar id-danni kagunati jew griehi sofferti, ghaldaqstant Anthony Roberts qieghed jigi liberat mill-akkuzi mahsuba taht l-Artikoli 214, 221, 222A, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Minn naha l-ohra, issibu hati taht l-Artikoli 41, 261, 262, 262, 264, 265, 266, 267, 269, 274, 276A, 277, 278, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat ukoll fir-rigward tal-aggravju ta' vjolenza, semghet anke li dan anke mbotta lil din il-mara anzjana.

Dwar il-piena, minhabba t-trapass ta' zmien, semghet lill-Ufficjal Prosekutur jghid dwar il-progress li ghamel l-imputat. Konsegwentemenet qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u nofs(1½) sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna hrug ta' Ordni ta' Supervizjoni fil-konfront tal-istess Anthony Roberts ghal zmien tmintax(18)-il xahar, b'dan illi huwa ghandu jsegwi kull ordni lilu moghtija biex johrog minn kull problema ta' vizzju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------